Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
# (ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Rikors Numru. 40/2002/1

**Fl-Atti tar-Riferenza tad-29 ta' Novembru, 2002, mill-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet fl-Atti tar-Rikors (Numru 14/2001) fl-ismijiet:**

**KUMMISSARJU TA' L-ART**

**vs**

**Violet, Josephine, Helen, Maud, Margaret xebbiet u Gerald aħwa BRIFFA u b'Degriet tal-15 t'Ottubru, 2001, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Dr. Peter Caruana Galizia, bħala prokuratur tal-assenti Michael, Derek u Geraldine *sive* Paula Briffa**

**Il-Qorti:**

Rat id-Degriet mogħti mill-Bord Dwar l-Arbitraġġ tal-Artijiet fid-29 ta' Novembru, 2002, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija u għall-finijiet tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(3) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, bagħat l-Atti tar-Rikors Numru 14/01JAB fl-ismijiet hawn fuq imsemmija quddiem din il-Qorti sabiex tistħarreġ il-kwestjoni kostituzzjonali mqanqla mill-intimat *nomine* l-Avukat Peter Caruana Galizia b'rikors tiegħu tad-29 ta' Jannar, 2002, fl-Atti ta' dawk il-proċeduri, dwar allegat ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda u tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll għall-Ewwel Skeda tal-Att tal-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta);

Rat l-atti kollha tar-rikors u tal-proċedimenti li wasslu għall-imsemmija riferenza;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-18 ta' Diċembru, 2002, li matulu l-avukat difensur tal-Kummissarju tal-Artijiet issolleva l-kwestjoni li r-riferenza magħmula mill-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet setgħetx issir ladarba l-liġi tgħid li riferenza bħal din tista' ssir biss minn Qorti u l-Bord m'huwiex "qorti" għall-finijiet tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(3) tal-Kap319;

Rat is-sentenza tagħha tad-19 ta' Ġunju, 2003[1], li biha iddeċidiet dwar il-punt ġurisdizzjonali mqanqal mir-rikorrent Kummissarju ta' l-Art;

Rat id-Degriet tagħha tad-19 ta' Ġunju, 2003, li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu Noti ta' Sottomissjonijiet dwar l-ilment kostituzzjonali u konvenzjonali milqut bir-riferenza;

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet imressqa mill-intimati fit-3 ta' Settembru, 2003[2];

Rat illi r-rikorrent Kummissarju tal-Art u kif ukoll l-Avukat Ġenerali, għalkemm notifikati kif imiss bl-imsemmija Nota ta' Osservazzjonijiet tal-intimat *nomine*, naqsu li jressqu Nota bi tweġiba;

[1] Paġġ. 50-8 tal-proċess
[2] Paġġ. 61-4 tal-proċess

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukat tal-intimati;

Rat id-Degriet tagħha tal-21 ta' Ottubru, 2003, li bih ħalliet ir-Riferenza għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi l-qofol tal-ilment imqanqal mill-intimati hu li l-fatt li l-liġi ma torbot bl-ebda żmien lill-Kummissarju tal-Artijiet meta għandu jibda proċeduri quddiem il-Bord wara li jkun ġie rifjutat il-kumpens offert minnu taħt l-artikolu 22(3) tal-Ordinanza, u li d-dewmien ta' tnejn u tletin (32) sena bejn meta nħareġ l-Avviż tad-Dikjarazzjoni u l-bidu tal-proċeduri quddiem il-Bord, joħolqu ksur tal-jedd ta' persuna li tingħata smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u wkoll ksur ta' jedd għall-kumpens xieraq għal teħid ta' proprjeta';

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tar-rikors jirriżulta li deher avviż fil-ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern fl-14 ta' Novembru, 1968, li bih saret Dikjarazzjoni mill-Gvernatur-Ġenerali li l-art magħrufa bħala "Taż-Żejt" fil-limiti ta' Birkirkara, appartenenti lill-aħwa Briffa, kienet sejra tittieħed mill-Gvern għal skop pubbliku. Kopja ta' l-imsemmija Dikjarazzjoni ġiet notifikata lis-sidien b'ittra uffiċjali tat-23 ta' Jannar, 1969[3]. Ittra uffiċjali oħra bl-istess data ntbagħtet mill-Kummissarju lis-sidien biex tgħarrafhom li l-kumpens offert lilhom għat-teħid tal-imsemmija art kien ta' seba' mija u għaxar liri Sterlini (St. 710)[4]. Is-sidien wieġbu b'ittra uffiċjali tat-12 ta' Frar, 1969[5], li kienu qegħdin jirrifjutaw l-imsemmija somma bħala waħda li ma kinitx xierqa. Is-sidien, għajr waħda li mietet qabel ma ntbagħtet l-ittra uffiċjali lill-Kummissarju, mietu[6] kollha bejn id-data meta ħarġet id-Dikjarazzjoni u l-jum meta nbdew il-proċeduri quddiem il-Bord, jiġifieri fit-8 ta' Mejju, 2001;

[3] Dokument f'paġ. 6 tal-proċess
[4] Dokument f'paġ. 10 tal-proċess
[5] Dokument f'paġ. 5 tal-proċess
[6] Dokti "A" sa "F", f'paġġ. 14 sa 19 tal-proċess

Illi l-art li dwarha nħarġet id-Dikjarazzjoni fiha kejl ta' madwar ħamest itmien tliet sigħan u ħames kejliet (5T, 3S, 5K), li jġibu għal kejl ta' madwar sitt elef mitejn u sitta u sebgħin punt tlieta-ħamsa metri kwadri (6,276.35 m$^2$). Id-Dikjarazzjoni titkellem dwar ksib b'xiri assolut. Illum il-ġurnata l-art in kwestjoni tagħmel parti minn qasam industrijali;

Illi, kif issemma' iżjed 'il fuq, tnejn huma l-ilmenti li l-intimat *nomine* qiegħed jistrieħ fuqhom taħt din ir-Riferenza. Fl-ewwel lok, qiegħed jgħid li l-fatt li l-liġi[7] ma torbotx lill-Kummissarju tal-Art bi żmien meta għandu jibda proċeduri quddiem il-Bord wara li jkun irċieva oġġezzjoni mingħand sid l-art milquta fid-Dikjarazzjoni dwar il-kumpens offert, joħloq ksur ta' jedd għal smigħ xieraq u fi żmien raġonevoli fil-konfront tal-istess sid li huwa miżmum mil-liġi li jibda hu tali proċeduri. Dan l-ilment qiegħed jinbena fuq l-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Att tal-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja[8]. Fit-tieni lok, huwa jgħid li l-kumpens li sejjer jitħallas lilu meta tittieħed l-art m'huwa xieraq xejn, u dan minħabba li se' jkun għadda żmien twil bejn il-ħruġ tal-Avviż[9] u t-tressiq tal-proċedura quddiem il-Bord. Dan l-ilment qiegħed jinbena fuq l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja;

Illi **<u>dwar l-ilment tal-ksur ta' jedd għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli</u>** wieħed irid, qabel kull ħaġa oħra, jistħarreġ il-parametri xierqa li fihom tali jedd għandu jitqies. L-imsemmi artikolu 6 jħares kemm l-aspett ta' smigħ xieraq egħluq żmien raġonevoli, minn Qorti imparzjali u indipendenti mwaqqfa b'liġi, u b'żieda magħhom għandu dispożizzjonijiet dwar l-element tal-pubbliċita' tas-sentenzi mogħtija[10]. Ingħad ukoll mill-kittieba ewlenin f'dan il-qasam tad-Dritt li "*the Court has more than once referred to 'the prominent place which the right to a fair trial holds in a democratic society within the meaning of the Convention', a consequence of which is*

[7] Ordinanza għall-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Ord. XL tal-1935, Kap 88 tal-Liġijiet ta' Malta)
[8] Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta
[9] Ara *Proviso* (i) tal-art. 27(1) tal-Kap 88
[10] Art 6(1) tal-Konvenzjoni: iż-żewġ subartikoli l-oħrajn japplikaw biss fil-każ ta' proċediment penali

*that 'there can be no justification for interpreting article 6(1) of the Convention restrictively'*"[11];

Illi għandu jingħad ukoll li fil-qasam li ma jgħoddx għal akkuża kriminali, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni japplika l-jedd għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli għal deċiżjonijiet tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tal-bniedem. Huwa mifhum ukoll li l-artikolu 6 jrid japplika fil-qafas ta' "kwestjoni" jew "disputa" dwar l-imsemmija drittijiet jew obbligi ċivili eżistenti bejn żewġ individwi jew bejn individwu u l-Istat. B'dawn id-drittijiet kien mifhum li kienet qegħda ssir riferenza għad-dritt privat u mhux pubbliku, b'mod li l-Konvenzjoni ma kinitx meqjusa li tħares lill-individwu fil-jedd ta' smigħ xieraq dwar kull jedd jew obbligu li huwa jista' jqanqal taħt il-liġi ta' pajjiżu[12]. Iżda, f'każijiet bejn l-individwu u l-Istat, tqies li għamil tal-Istat li jolqot direttament il-jedd ta' proprjeta' tal-individwu jikkostitwixxi għamil li jiddetermina dritt ċivili. Dan jgħodd ukoll fejn l-għamil tal-Istat jirreferi għal teħid ta' proprjeta' jew esproprjazzjoni[13], bħal fil-każ preżenti;

Illi fuq kollox, biex jista' jingħad li japplikaw ir-rimedji tal-artikolu 6, irid jintwera li l-kwestjoni dwar id-drittijiet u obbligi ċivili li għalihom japplika dak l-artikolu tkun taħt ġudizzju ("*being determined*")[14], fi proċeduri deċiżivi tal-istess drittijiet ċivili. Dan, normalment, ifisser li jrid ikun hemm proċeduri ġudizzjarji mexjin. Iżda, fil-każ fejn il-kwestjoni ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli kienet mistħarrġa, ġie meqjus ukoll iż-żmien li ttieħed biex tmexxew jew intemmu proċeduri (normalment ta' għamla amministrativa u pre-ġudizzjarja) preliminari li jwasslu għall-proċeduri fil-qorti[15]. Dan huwa wieħed mill-elementi li jidistingwu l-applikabilita' tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, li japplika biss fi ħdan proċeduri diġa' mibdija quddiem qorti;

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum ta' min jgħid li, minn dak inhar li tressaq ir-rikors li nissel ir-Riferenza

---

[11] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġ. 164
[12] Ara, per eżempju, ***Konig vs Federel Republic of Germany*** **28.6.1978** (Applik. Nru. 6232/73) par 95
[13] ***Raimondo vs Italy*** **22.2.1994** (Applik. Nru. 12954/87) par. 43
[14] ***Ringeisen vs Austria*** **16.7.1971** (Applik. Nru. 2614/65) par. 94
[15] ***Schouten & Meldrum vs The Netherlands*** **9.12.1994** (Applik.Nru. 19005/91) par. 62

preżenti, sar bdil sostanzjali fil-liġi[16] dwar it-teħid ta' art jew bini għal skop pubbliku. Dan il-bdil jolqot ukoll il-proċedura li ġiet stabilita għall-ħlas tal-kumpens. Bil-liġi kif fis-seħħ illum, ladarba tinħareġ id-dikjarazzjoni tal-President dwar akkwist b'xiri assolut[17], din għandha ssemmi l-ammont ta' kumpens li l-awtorita' lesta tħallas dwar dak il-ġid[18], u, fi żmien ħmistax-il (15) jum mill-pubblikazzjoni tagħha, l-Gvern jgħaddi biex jiftaħ kont bankarju b'dak l-ammont[19]. L-imsemmi kont jista' jiġi żbankat minn min juri li għandu jedd għal tali kumpens, fuq provi li l-awtorita' tista' titlob. Meta l-awtorita' tibgħat tgħarraf, b'att ġudizzjarju fi żmien xahrejn minn meta jitressqu l-provi dwar it-titolu[20], lil dik il-persuna/dawk il-persuni li tkun soddisfatta bil-prova miġjuba dwar il-jedd għall-kumpens, kull persuna hekk magħrufa li ma taqbilx mal-ammont tas-somma depożitata, għandha jedd li tressaq hi rikors quddiem il-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet[21] fi żmien wieħed u għoxrin (21) jum minn dak inhar li l-persuna tkun laqgħet għandha n-notifika tal-imsemmi att ġudizzjarju mibgħut lilha mill-awtorita' kif fuq ingħad[22]. Fl-imsemmi rikors, il-persuna trid tgħid kemm, fil-fehma tagħha, għandu jkun il-kumpens xieraq lilha dovut minħabba t-teħid tal-ġid b'xiri assolut;

Illi dan kollu qiegħed jingħad fid-dawl ta' jekk din il-Qorti għandhiex tqis li tagħti rimedju lill-intimat *nomine* fil-każ li jeżisti rimedju ieħor disponibbli għalih fil-liġi. Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, ma jidhirx li l-intimat *nomine* jista' juża din il-proċedura l-ġdida. Fl-ewwel lok, meta saret id-dikjarazzjoni tal-President[23] (dak iż-żmien kien il-Gvernatur-Ġenerali li ħareġ id-Dikjarazzjoni) ma ssemma l-ebda ammont ta' kumpens li l-awtorita' pubblika kienet lesta li tħallas lis-sidien magħrufa tal-art. Fit-tieni lok, ma ntweriex li, sallum, l-awtorita' pubblika għaddiet biex teffettwa xi depożitu tal-ammont ta' kumpens minnha meqjus bħala xieraq talli ttieħdet l-art tal-intimati. Fit-tielet

[16] Bis-saħħa tal-Att XI tal-2002
[17] Art. 3 tal-Kap 88
[18] Art. 22(1) tal-Kap 88
[19] Art. 22(3) tal-Kap 88
[20] Art. 22(4) tal-Kap 88
[21] Art. 22(6) tal-Kap 88
[22] Art. 22(7) tal-Kap 88
[23] Paġġ. 7-9 tal-proċess

lok, ma ntweriex lanqas li l-awtorita' pubblika għarrfet lill-intimati li kienet qegħda tagħraf it-titolu tagħhom għall-kumpens offert. Huwa biss meta jikkonkorru dawn it-tliet elementi li, skond il-liġi kif fis-seħħ illum, sid ta' art jew bini miksuba mill-Gvern b'xiri assolut ikollu l-jedd li jibda hu proċeduri quddiem il-Bord;

Illi, għalhekk, il-qagħda li sab fiha l-intimat *nomine* kienet waħda fejn kollox kien jiddependi minn meta, fid-dehen u l-kumdita' tiegħu, ir-rikorrent Kummissarju tal-Art iħoss li għandu jressaq rikors quddiem il-Bord biex jiddeċiedi kemm kellu jitħallas kumpens lis-sidien tal-art miksuba b'xiri assolut. F'dan ir-rigward, is-sid li l-ġid tiegħu jkun is-suġġett tad-Dikjarazzjoni ma kien ikollu l-ebda jedd jibda l-proċeduri quddiem il-Bord. F'dan il-waqt, tajjeb li wieħed ifakkar li wieħed mill-elementi ewlenin tal-artikolu 6 huwa li jiggarantixxi lill-individwu l-jedd ta' aċċess għal qorti jew tribunal imparzjali, għad-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili tiegħu. Meta tali jedd ikun miċħud lilu, ikun hemm ksur tal-artikolu 6, għaliex l-aċċess irid ikun wieħed effettiv u mhux biss tejoretiku jew jiddependi mir-rieda ta' ħaddieħor[24];

Illi irriżulta bħala fatt (għalkemm sa dan l-istadju ma ntwera bl-ebda mod x'kienet sewwasew ir-raġuni) li bejn meta dehret id-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur-Ġenerali fil-Gażżetta tal-Gvern u l-jum meta nbdew il-proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ għaddew l-isbaħ tlieta u tletin (33) sena. Dan huwa żmien li fih il-ġid milqut mill-imsemmija Dikjarazzjoni kien fil-pussess tal-Gvern għaż-żmien kollu. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh ukoll li, sa madwar xahrejn wara li nħarġet id-Dikjarazzjoni, ir-rikorrent Kummissarju tal-Art kien diġa' temm il-proċess tal-valutazzjoni tal-imsemmija art u ikkomunika lis-sidien il-kumpens li huwa kien qiegħed joffrilhom. Dan huwa żmien li minnu nnifsu jxejjen kull ġustifikazzjoni ta' raġonevolezza fit-tmexxija tal-proċedura għat-teħid tal-art mingħand l-intimati. Fuq kollox, huwa tul ta' żmien li, bil-liġi kif fis-seħħ f'kull waqt tiegħu, l-intimati ma kellhom l-ebda mod (għajr, forsi, b'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju

---

[24] ***Golder vs U.K.* 21.2.1975** (Applik. Nru. 4451/70) par. 26-37

taħt id-dispożizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 12 kif imdaħħla fis-seħħ mill-1995) kif iħaffuh jew jirrimedjawh;

Illi huwa f'dan id-dawl li joħroġ iżjed ċar il-preġudizzju mġarrab mill-intimati Briffa u kemm għalhekk huwa mistħoqq l-ilment tagħhom taħt din il-kawżali;

Illi **dwar l-ilment li l-intimat *nomine* m'huwiex sejjer jingħata kumpens xieraq għall-art meħuda** irid jingħad li, in kwantu dak l-ilment huwa mibni fuq allegat ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, ma jidhirx li l-Qorti tista' tilqgħu. Ladarba l-intimat *nomine* ressaq l-ilment fil-qafas ta' proċedura meħuda taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta, ikollu jingħad li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni jsiru ta' xkiel għal stħarriġ tal-ilment, u dan għaliex it-teħid tal-art tal-intimat *nomine* seħħ bi ħdim tal-imsemmija liġi li daħlet fis-seħħ qabel Marzu tal-1962, u li għalhekk m'hijiex milquta bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni[25];

Illi, għaldaqstant, in kwantu r-Riferenza qegħda tissejjes fuq l-allegat ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, din il-Qorti ssib li ma tistax tilqagħha jew tipprovdi dwarha;

Illi l-ilment qiegħed u għandu madankollu jiġi mistħarreġ fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Dak l-artikolu jipprovdi għall-jedd ta' kull persuna (fiżika jew morali) għat-tgawdija bil-kwiet ta' ħwejjiġha, u li ma tiġix imċaħħda minn dik it-tgawdija jekk mhux fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti mil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali, u wkoll bla ħsara għall-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-użu tal-ġid skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew pwieni;

Illi huwa aċċettat li l-imsemmi artikolu huwa ġabra ta' tliet (3) regoli msenslin waħda mal-oħra u li għandhom jinftehmu b'qari ma' xulxin[26]. B'mod partikolari, fil-ħarsien

[25] P.A. Kost. GCD **22.1.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***John Mousu' et vs Id-Direttur tal-Lottu Pubbliku et*** u Kost. **2.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Allied Newspapers Limited vs Avukat Ġenerali et***

[26] ***Sporrong & Lonnroth vs Sweden*** **23.9.1982** (Applik. Nru. 7151/75) par. 61

tal-jedd imsemmi f'dak l-artikolu irid jintwera li jkun inżamm u tħares bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-komunita' u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għamil tal-Istat (f'dan il-każ, l-esproprjazzjoni). Dwar it-tifsir xieraq ta' dan l-artikolu, il-Qrati tagħna diġa'[27] taw il-fehmiet meqjusa tagħhom u ħarġu b'sensiela ta' prinċipji li fuqhom għandhom jintiżnu l-jeddijiet tal-individwu fuq naħa u dawk tal-Istat fuq in-naħa l-oħra. Għalhekk, filwaqt li l-liġijiet li jagħtu s-setgħa lill-Istat li jieħu ġid f'idejh għal għanijiet pubbliċi huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjeta' demokratika, dawn ma jagħtux jedd assolut jew insindakabbli lill-Istat, għaliex tali jedd għandu jitqies bħala eċċezzjoni jew limitazzjoni għall-jedd tal-individwu li jgawdi ħwejġu u ġidu bil-kwiet, u għalhekk l-Istat irid juri kif imiss li l-jedd tiegħu wettqu bil-qies u fil-parametri permessi mil-liġi;

Illi fil-każ preżenti, l-intimat *nomine* ma jikkontesta bl-ebda mod li l-art ittieħdet għal skop pubbliku u fl-interess pubbliku. Lanqas ma jikkontesta l-fatt li bil-liġi l-Gvern għandu s-setgħa li jieħu ġid mingħand persuni privati biex jintuża għal skop pubbliku[28]. L-ilment jirrigwarda n-nuqqas min-naħa tal-istess liġi ta' garanzija ta' kumpens xieraq lil min jitteħidlu l-ġid tiegħu għall-għanijiet ta' użu pubbliku;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li dan l-ilment ma jidhirx mistħoqq, ilgħaliex għandu jidher ċar li l-applikazzjoni kif imiss tad-dispożizzjonijiet tal-liġi ma tiċħad bl-ebda mod l-għoti jew il-ħlas ta' kumpens xieraq għal ġid li jkun hekk ittieħed. Din il-fehma tissaħħaħ iżjed meta wieħed iqis it-termini tassattivi mdaħħlin fil-liġi bl-aħħar bidliet miżjudin fiha, li jidhru li fihom il-leġislatur kellu fi ħsiebu kriterji stabiliti li jqarrbu sewwa mal-garanziji Konvenzjonali stabiliti għall-ħarsien kif imiss tal-jedd ta' kumpens xieraq għal teħid ta' ġid għal skop jew f'interess pubbliku. Il-fatt waħdu li l-liġi tipprovdi li l-valur tal-art huwa dak li jkollha l-art fiż-żmien tan-notifika tal-avviż għall-ftehim ma jġibx b'daqshekk biss nuqqas ta' garanzija ta' kumpens xieraq. **Hija l-applikazzjoni tardiva tal-proċedura (mill-istadju tal-**

[27] Ara, per eżempju, Kost. **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Pawlu Cachia vs Avukat Ġenerali et***
[28] Par 3 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, f'paġ. 61 tal-proċess

**offerta ta' kumpens lis-sid esproprjat sat-tressiq tal-każ quddiem il-Bord) li tista' ġġib preġudizzju għall-ħlas ta' kumpens xieraq**, kif seħħ f'dan il-każ. Iżda l-applikazzjoni tardiva kienet miġjuba min-nuqqas tal-Kummissarju li jibda f'waqthom u fi żmien bikri l-proċeduri quddiem il-Bord, u mhux għaliex il-liġi ċċaħħad lis-sid minn kumpens xieraq;

Illi għar-rigward tas-sottomissjoni tal-intimat *nomine* fuq is-siwi tal-art milquta bid-Dikjarazzjoni fiż-żminijiet tal-lum, irid jingħad li dan il-kriterju ma jistax jittieħed fl-astratt, imma jrid jitqies fil-kuntest ta' ċirkostanzi fattwali u legali usa' li fihom in-negozju ta' ġid immobbli jseħħ fl-ordinament tagħna. Kif sewwa ngħad f'dan ir-rigward, f'soċjeta' fejn kull operazzjoni li tinvolvi l-proprjeta' immobbiljari hija strettament kontrollata mil-liġi magħmula fl-interess komuni, ma jagħmel l-ebda sens li wieħed jitkellem fuq il-valur kummerċjali tagħha fuq is-suq ħieles b'mod għal kollox miftum mir-restrizzjonijiet fuqha imposti mil-liġijiet u mir-regolamenti fir-rigward tal-iżvilupp tagħha magħmulin għall-ġid komuni u għat-tqassim ġust tal-istess ġid[29];

Illi, fis-sottomissjonijiet tiegħu tal-għeluq bil-fomm quddiem il-Qorti, l-abbli difensur tal-intimati issuġġerixxa li din il-Qorti tipprovdi rimedju billi tordna lill-Bord li, fl-qies li kellu jieħu tal-kumpens dovut lis-sidien intimati, ma joqgħodx mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 27 tal-Kap 88, u jipprovdi kumpens dwar l-art meħuda "skond il-valur tagħha fuq is-suq illum". Ma hemmx dubju li dan is-suġġeriment ma jista' bl-ebda mod jintlaqa';

Illi fl-ewwel lok, meta saret ir-Riferenza preżenti lil din il-Qorti, il-kompitu tal-Qorti kien biss li tiddetermina jekk kemm-il darba, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, kienx hemm xi ksur ta' jedd fondamentali Kostituzzjonali jew Konvenzjonali. Ma kienx mitlub u lanqas ma hu mistenni li jingħata rimedju. Fit-tieni lok, il-ksur lamentat ma kienx fis-sens li l-liġi nnifisha tikser jedd Kostituzzjonali jew konvenzjonali: allura taħt l-ebda tiġbid tar-Riferenza ma

[29] Kost. **30.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno Galea vs Giuseppe Briffa***

jista' jingħad li xi parti mil-liġi hija nulla jew anti-kostituzzjonali. Fit-tielet lok, huwa kontrosens li din il-Qorti tagħti xi ordni jew direttiva lill-Bord li tkun iġġegħlu espressament jinjora jew ma jimxix mal-liġi li taħtha huwa mwaqqaf, bil-konsegwenza li kull pronunċjalment hekk minnu magħmul ikun neċessarjament null għaliex *ultra vires*. Fir-raba' lok u kif trid l-istess Kostituzzjoni, meta f'Riferenza kostituzzjonali din il-Qorti tagħmel l-aċċertamenti tagħha skond l-istess Riferenza, hija l-Qorti li quddiemha tkun tqanqlet il-kwestjoni (u hi biss) li għandha tiddisponi mill-kwestjoni fil-mertu;

Illi l-Qorti tifhem li, bis-sejbien tagħha ta' ksur tal-jeddijiet tal-intimati f'dan il-każ, il-proċedura kollha quddiem il-Bord tista' tintlaqat b'mod radikali. Imma dan ma jfissirx li ma jeżistux rimedji oħrajn prattiċi li l-partijiet jistgħu jirrikorru għalihom fid-dawl tad-dispożizzjonijiet attwali tal-liġi fis-seħħ, u li bihom jistgħu jiġu mħarsin għal kollox il-jeddijiet tal-istess sidien tal-art. Minħabba li l-iskop pubbliku li għalih ittieħdet l-art tal-intimati ma huwa bl-ebda mod kontestat, ma jistax jingħad li d-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur-Ġenerali hija ineffettiva, u anqas u anqas li hija nulla. Iżda, ma hemm xejn fil-liġi (ladarba d-Dikjarazzjoni nnifisha ma titfissirx bħala l-konklużjoni tal-proċedura tal-esproprju[30], iżda biss il-bidu ta' dik il-proċedura) li jżomm milli tinħareġ Dikjarazzjoni oħra dwar l-istess art u li l-proċess li jwassal għall-kuntratt tal-akkwist min-naħa tal-Gvern jitwettaq bil-ħarsien dovut taż-żminijiet stabiliti mil-liġi u tad-dispożizzjonijiet tal-istess liġi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiddikjara** li l-ilment tal-intimati jikkostitwixxi ksur tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, u dan minħabba d-dewmien eżaġerat u bla ebda ġustifikazzjoni min-naħa tal-Kummissarju tal-Artijiet li jibda l-proċeduri preskritti għall-iffissar tal-kumpens xieraq quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet;

---

[30] Kost. **10.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Bezzina Wettinger et vs Kummissarju tal-Artijiet***

**Tiddikjara** madankollu li l-ilment tal-intimati ma jikkostitwix ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu Wieħed tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni; u

**Tordna** lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex jgħaddi lura l-atti tar-Riferenza lill-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet sabiex jiddisponi mill-każ skond din is-sentenza.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------